MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2013

Numru 24/2013

Il-Pulizija
(Spettur Fabian Fleri)

vs

Christopher Scerri

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 77081M, akkuzat talli nhar l-10 ta’ Jannar 2013 ghall-habta tad-disgha ta’ filghodu minn gewwa Pjazza Sant’Antnin, Paola:

1. ittanta li jisraq minn gewwa vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAF864 tal-ghamla Peugeot 106 ghad-dannu ta’ Deejay Castillo, liema reat ma sehhx minhabba xi haga ndipendenti u accidentali mill-volonta’ tieghu liema attentat huwa aggravat bil-mezz u bin-natura tal-haga misruqa.

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamel hsara f'vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAF864 tal-ghamla Peugeot 106 liema hsara hija ta' anqas minn 116.47 ewro u dan ghad-detriment ta' Deejay Castillo.
3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-provvedimenti tal-Kap 446 Artiklu 7 tal-Ligijiet ta' Malta imposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr Doreen Clarke LL.D. datata 7 ta' Novembru 2011, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.
4. fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi rrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gia' kien gie misjub hati permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti mitluba biex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas tal-ispejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-imputat f'din l-ewwel udjenza jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu hin biex jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat issibu hati.

Rat il-fedina penali xejn edifikanti tal-imputat u partikolarment l-ahhar zewg akkuzi.

Rat l-Artikli 41(1)(a), 261(b)(g), 263, 264, 271(g), 278(1)(2), 325(c), 49, 50, 17, 31 tal-Kap 9 u l-Artiklu 21 tal-Kap 446.

Tikkundannah sena prigunerija komplessivament.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------